9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 68**

**It-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023**

Il-Laqgħa numru 68 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**68.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa ma kiex hemm ittri t'apoloġiji.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**68.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 66 u tal-laqgħa 67 ġew approvati unanimament.

**68.2.2 Korrezzjonijiet**

Laqgħa 66 – ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti
Laqgħa 67– ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti

## 68.3 Punti mqajjma mill-minuti

**68.3.1** Minuta 67.5.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill iltaqa mall-offerant li tefa it-tender tal-latrina fejn ġiet diskussa sabiex l-imsemmija latrina li trid issir fi ġnien Romeo Romano tkun waħda awtomatika. F’dan ir-rigward jidher li l-offerant huwa interessat u għaldaqstant ser jibgħatilna kwotazzjoni ta’ kemm hi id-differenza finanzjarja minħabba l-fatt li l-ispezzifikazzjonijiet fit-tender ma kienux imsemmija. Is-Sindku qal li jekk l-varjazzjoni tkun ta’ aktar minn 30% tal-financial bid li tefa’ l-offerant tkun trid tinħareġ tender oħra.

**68.3.2** Minuta 67.6.2 - Is-Sindku informa lill-membri li fuq l-istoppers tal-parkeġġ fi Triq il-Kbira San Ġużepp in-naħa tal-arkati l-Kunsill qiegħed jistenna kwotazzjonijiet imma filfrattemp informa ukoll li ser issir laqgħa ma uffiċċjali ta’ IM fuq din il-possibilta.

Għar-rigward tas-siġar għadna qed nistennew ukoll il-kwotazzjonijiet uffiċċjali.

## 68.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**68.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta talba li saret sabiex issir loading/unloading bay fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata ta’ Carini Stores. It-talba qed tispeċifika sabiex il-ħinijiet ikunu mit-Tnejn sas-Sibt bejn it-8 ta’ filgħodu sal-4 ta’ wara nofsinhar. Wara diskussjoni ġie nnutat li s-Sibt m’hemmx għalfejn il-ħin ikun sal-4 ta’ wara nofsinhar iżda sa nofsinhar.

**68.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-MITA li ser ikunu qed jagħmlu donazzjoni ta’ siġar fil-limiti ta’ fejn hemm il-Lidl sabiex jissebbaħ l-ambjent tal-madwar.

**68.4.3** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand il-Malta Trust Foundation, fejn dawn jixtiequ jorganizzaw attivita fil-parti 'l ġdida ta' Ġnien Romeo Romano fil-25 ta’ Lulju 2023 lit-tfal li jiffrekwentaw Villa Bianca. Is-Sindku qal li f’din il-ġurnata ma hemmx attivitajiet ippjanati. Wara diskussjoni, kien hemm qbil dwar din il-konċessjoni.

**68.4.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-applikazzjoni li l-Kunsill kien applika għall-fondi sabiex isir il-proġett ta’ Pjazza Franka ma ġietx aċċetata.

**68.4.5** Is-Sindku informa lill-membri li minħabba l-fatt li is-Sur George Debono kien informa lill-Kunsill bl-interess tiegħu sabiex ma jibqax Chairperson tal-Bord tal-Ġieħ Santa Venera, is-Sindku ippropona sabiex ic-Chairperson ikun is-Sur Albert Cassar li diġà huwa membru tal-istess bord filwaqt li is-Sur Miguel Cauchi jinħatar bħala membru. Wara diskussjoni, kien hemm qbil dwar dan.

## 68.5 Rapporti / Korrispondenza

**68.5.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar kampanja ta’ clean-up sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tat-tnaqqis tal-iskart, tar-riċiklaġġ, tal-użu mill-ġdid tal-iskart kif ukoll tar-rimi responsabbli tiegħu. Din il-kampanja mhix se tkun għaddejja fis-sajf biss iżda se

tiġi estiża matul is-sena kollha. Project Green se jipprovdi wkoll l-għodda meħtieġa sabiex wieħed ikun jista' jipparteċipa b'mod iktar faċli.

Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex l-Kunsill jipparteċipa u is-Sur Joe Vella ser ikun qiegħed jattendi u jorganizza dawn l-attivitajiet.

## 68.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 68.6.1 Audited Financial Statements 2022

Is-Sindku talab lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Michael Debono sabiex jispjega fid-dettal Audited Financial Adjustments 2022.

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal l- Audited Financial Adjustments 2022 li jrid jiġi pprezentati lill-Awdituri sal-20 ta' Ġunju 2023.

Is-Sindku ppropona dawn l-Audited Financial Adjustments filwaqt li s-Sur Joe Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

### 68.6.2 Rakkomandazzjoni – Tender tal-Knis

Is-Sindku informa lill-membri li għat-tender tal-knis hemm erba' offerenti iżda minħabba li hemm xi diskussjonijiet għaddejjin bejn id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali flimkien mad-Direttorat tat-tindif tat-Toroq, is-Sindku ppropona sabiex dan it-tender jiġi evalwat aktar 'il quddiem sabiex wieħed jara l-eżitu li ser ikun hemm invista li dawn id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

Il-Membri qablu unanimament ma' din il-proposta.

### 68.6.3 Rakkomandazzjoni – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku informa lill-membri li saret l-intervista tas-Segretarju Eżekuttiv lill-persuna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali nnotifika lill-Kunsill. Wara li saret l-intervista mill-Bord tal-għażla rriżulta li dan il-persuna ma laħaqx l-aspettativi tal-Bord u infatti ġab 47%. Wara diskussjoni l-membri qablu mas-suġġeriment tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex il-kunsill jitlob lid-Dipartiment sabiex jibgħat lill-Kunsill lista oħra ta' Segretarji li huma interessati.

## 68.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**68.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 413 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Courtney Farrugia u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

## 68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**68.9 Lista ta' Ilmenti**

**68.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 172 | Infrastructure Malta iridu jaqilgħu parti mill-bankina fejn hemm il-petshop |
| 173 | Major patching ghax it-triq qed tinżel |
| 174 | Hemm korrispondenza għaddejja mal-periti ta' Infrastructure Malta |
| 175 | Hemm korrispondenza għaddejja mal-periti ta' Infrastructure Malta |
| 176 | Jibgħatu site plan |
| 177 | Lampi hekk qed isiru LEDs |
| 178 | Hemm korrispondenza għaddejja ma Transport Malta |
| 179 | Major patching għax it-triq qed tinżel |
| 180 | Kuntrattur |
| 181 | Tiġi trasferita ta' Triq Brighella u issir oħra |
| 182 | Work Order B Grima Sons |
| 183 | Work Order B Grima Sons |
| 184 | Work Order B Grima Sons |
| 185 | Work Order B Grima Sons |
| 186 | Work Order B Grima Sons |

## 68.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Lulju 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 10 ta' Lulju, 2023